**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa Tal-Lokalita Mal-Pubbliku

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa tal-Lokalita Numru 02

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 09 ta' Diċembru 2019

Din il-laqgħa saret fis-Sala Villa Lia fi Triq il-Kbira,Ħal Lija fis-6.00 ta' filgħaxija.

### MEMBRI TAL-KUNSILL PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Joseph Zahra - Kunsillier

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti

### UFFIĊJAL TAL-KUNSILL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 2.1 Introduzzjoni mis-Sindku

2.1.1 Is-Sindku fetaħ din il-laqgħa billi formalment laqa' lir-residenti li kienu preżenti. Huwa spjega kif din il-laqgħa nżammet skond kif stipulat fl-Att dwar il-Gvern Lokali fejn dan l-att jgħid li f'Diċembru trid issir laqgħa mal-pubbliku biex jiġu ppreżentati l-estimi finanzjarji għas-sena 2020.

2.1.2 Is-Sur Dalli spjega kif din il-laqgħa ser tkun maqsuma fi żewġ taqsimiet. Fl-ewwel parti tal-laqgħa huwa ser jitkellem fuq l-estimi finanzjarji li ġew ippreparati għas-sena 2020. Fit-tieni parti tal-laqgħa huwa qal li ser ikun qed jisma s-suġġerimenti tar-residenti nkonnesjoni ma' dawn l-estimi u anke qal li ser jagħti ċans lir-residenti preżenti jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u jwieġeb għalihom.

## 2.2 Qari tal-Minuti ta' l-aħħar laqgħa tal-Lokalita' Nru 01

2.2.1 Is-Sindku qara il-minuti numru 01 ta' l-aħħar laqgħa tal-lokalita' li kienet saret il-Ħamis 26 ta' Settembru, 2019. Huwa qal li fuq ħafna affarijiet li ġew imsemmija f'dawn il-minuti diġa bdew jittieħdu l-azzjonijiet neċessarji.

## 2.3 Estimi Finanzjarji 2020

2.3.1 Is-Sindku nforma lir-residenti li sa dak inhar tal-laqgħa l-kunsill kien għadu ma rċevix mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ċ-ċirkulari tal-Allokazzjoni tal-kunsilli lokali għas-sena 2020. Is-Sindku qal li jekk l-ammont tal-allokazzjoni ma tantx ser ivarja, l-ammont tad-dħul totali għandu jkun wieħed simili għal dak li ġie estimat fis-sena 2019. Bħal kull sena oħra l-kunsill qed jestima li ser ikollu dħul ukoll minn *bye-laws*,permessi u fondi speċjali.

2.3.2 Is-Sindku tkellem fejn qal li l-kunsill qed jevalwa l-bżonnijiet kollha li għandha bżonn il-lokalita, flimkien mal-infiq li l-kunsill għandhu fosthom l-amministrazzjoni, salarji, servizzi ta' kuntratturi u spejjeż oħrajn biex dawn kollha jkunu nklużi fl-estimi finanzjarji għas-sena 2020.

2.3.3 Is-Sur Dalli informa lir-residenti fejn qalhom li l-kunsill qed jaħdem biex iġib il-fondi biex isebbaħ il-lokalita. Huwa qal li riċentament il-kunsill ħa fondi ta' €141,023.81 biex jiġu rrestawrati xi ħitan tas-sejjieħ fir-raħal. Is-Sindku qal li anke bi fondi li ingħataw mill-aġenzija LESA l-kunsill bilmod qed jibdel il-fanali antiki li hemm fl-isqaqien għal fanali daqsxejn aktar sbieħ u moderni. Barra minn hekk huwa flimkien mal-kunsill ser jistinka biex iġib fondi mingħand Ambjent Malta ħalli jiġi rranġat il-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

2.3.4 Is-Sindku qal li hemm ħsieb ukoll biex il-kunsill jikseb fondi mingħand EUPA/ MEUSAC biex isiru aktar proġetti għaż-żgħażagħ bħal Erasmus.

2.3.5 Il-Kunsill għandu anke ħsieb li jimplementa proġetti li għandhom x'jaqsmu ma' tisbieħ ta' pavimentar (Vjal it-Trasfigurazzjoni nkluża) u toroq fir-raħal.

## 2.4 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

2.4.1.1 <u>Mistoqsija fuq il-ħitan tas-sejjieħ li ser jagħmel il-kunsill bil-fondi</u>
Resident staqsa jekk il-ħitan tas-sejjieħ li ser jirranġa l-kunsill bil-fondi mingħand ARPA ġewx identifikati.

2.4.1.2 Is-Sindku wieġbu li iva dawn ġew identifikati. Huwa qal li jekk l-Arpa terġa toħroġ sejħa għal fondi biex jitranġaw il-ħitan tas-sejjieħ il-kunsill għandu ħsieb jirranġa ħajt perikoluż fl-akwata ta' Ta' Sennna.

2.4.2.1 <u>Domanda fuq l-pavimentar tal-isqaqien fir-raħal</u>
Resident qal li l-kunsill ta' qabel kien applika għall-fondi biex jiġu rranġati l-isqaqien kollha fir-raħal. Huwa qed jistaqsi lis-Sindku jekk għandux xi *update* dwar dan.

2.4.2.2 Is-Sindku wieġbu li l-kunsill ta' qabel kien vera applika pero fondi biex dawn isiru ma ntħarġux mill-awtorita kkonċernatha. Huwa żied jgħid li s-sena d-dieħla l-kunsill ser jagħmel bil-*concrete imprint* parti minn Triq Preziosi Sqaq nru 2. Il-kunsill ser jiprova jirranġa l-isqaqien l-oħra bilmod wieħed,wieħed.

2.4.3.1 <u>Mistoqsija fuq Triq Annibale Preca u l-implementazzjoni tal-*one-way*</u>
Resident xtaq *update* rigward kif baqa l-kunsill fuq il-kwistjoni tat-traffiku fi Triq Annibale Preca u l-ħsieb li kien hemm ta' implementazzjoni biex din it-triq issir *one-way*.

2.4.3.2 Is-Sindku nforma lil dan ir-resident li l-kunsill iltaqgħa ma' TM fuq dan ir-rigward u l-konsultazzjoni ma' TM għadha għaddejha. TM qalu lil kunsill li Ħal Lija hija *alternative route* għal Triq Naxxar. TM rreferew din it-talba lil Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali u l-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali talbet lil kunsill ta' Ħal Lija biex jikkonsulta mal-kunsilli ta' Iklin, Balzan u Attard qabel ma issir l-implementazzjoni tal-*one-way*.

2.4.3.3 Is-Sindku spjega li l-Kunsilli ta' Balzan u Iklin mhux qed isibu oġezzjoni għat-talba tal-kunsill filwaqt li l-kunsill lokali ta' Attard għadhu qed issib oġezzjoni għax fl-opinjoni tiegħu jekk il-kunsill ta' Ħal Lija kellu jagħmel parti minn Triq Annibale Preca *one-way*, it-traffiku kollu ser jaqa f'Attard.

2.4.3.4 Is-Sindku żied jgħid li qabel il-kunsill lokali ta' Attard jaċċetta l-proposta li qed jagħmel il-kunsill ta' Ħal Lija, il-kunsill ta' Ħal Lija ser ikollu jiprovdi ċertu *traffic counts* biex juri li verament hawn problema drastika bit-traffiku fil-lokalita. Biex il-kunsill lokali ta' Ħal Lija jagħmel dawn il-*counts* ser jonfoq spiża kbira u allura l-pass li jmiss huwa li l-kunsill ser jerġa jikkonsulta ma ' TM fejn jinfurmaha b'din l-ispiża u li mhux sew il-kunsill jonfoq spiża biex jagħmel *traffic counts* fit-triq meta m'hemmx garanzija li finalment l-kunsill ser jingħata l-approvazzjoni li xi darba din il-*one-way* issir.

2.4.3.5 Is-Sindku qal li huwa flimkien mal-kunsill anke qablu biex TM tgħin fil-ħlas biex isiru t-*traffic counts* fi Triq Annibale Preca. Dan għaliex finalment TM responsabbili biex toħroġ il-permess għal din il-*one-way.*

2.4.4.1 <u>*Traffic lights* fi Triq il-Mosta</u>
Resident tkellem fuq it-*traffic lights* li hemm fi Mosta Road fejn qal li huwa rraporta lil kunsill li dawn il-*lights* qed idumu ħafna ma jixgħelu. Il-Kunsill kien wieġbu lura fejn qal li huwa għamel kuntatt ma' TM u TM infurmatu li l-*lights* jixgħelu b'ċertu ħin u għandhom *waiting time* allokat.

2.4.4.2 Dan ir-resident qed jgħid li l-*waiting time* allokat mhux biżejjed. Is-sindku spjegalu li dik hija *policy* ta' TM li qed japplikaw fuq it-*traffic lights* kollha u ma tantx tista tagħmel xejn fuqha.

2.4.5.1 <u>L-Istatwa ta' San Pawl</u>
Resident qed jissuġġerrixi biex tiġi rrestawratha l-istatwa ta' San Pawl li hemm fejn il-kappella ta' San Pietru, bid-dawl b'kollox.

2.4.5.2 Is-Sindku wieġeb li l-kunsill diġa applika għall-fondi biex din tiġi rrestawratha pero l-kunsill għadu ma irċieva l-ebda risposta rigward jekk din l-applikazjoni ġietx aċċettatha jew le. Is-Sindku qal li d-dawl mhux inkluż fir-restawr pero dik hija xi ħaġa li faċilment jista jirranġa l-kunsill minn flusu stess.

2.4.6.1 <u>Bdil ta' bozza ħdejn il-Borg</u>
Resident qal li riċentament il-kunsill biddel bozza minn ħdejn il-Borg u din il-bozza saret *bright* ħafna. Dan resident qed jitlob lil kunsill jikkunsidra x'tip ta' bozoz jagħmel qabel ma jkompli jagħmel it-tibdil tal-fanali u l-bozoz fit-toroq.

2.4.6.2 Is-Sindku nforma lir-resident li l-Kunsill qed jibdel il-bozoz fir-raħal għal LEDs pero huwa għandu jmur jiċċekja dwar dan.

2.4.7.1 <u>Ħarġiet</u>
Resident qed jissuġġerrixxi biex il-kunsill jorganizza *coaches* għal avvenimenti li jsiru barra mir-raħal li jaf ikunu problematici għal parkeġġ jekk wieħed jitla bil-karozza personali tiegħu. Dan bħal eżempju il-Birgu Fest.

2.4.7.2 Is-Sindku qal li huwa flimkien mal-kunsill ser jikkunsidra dan fil-futur.

2.4.8.1 <u>Problema biex toħroġ minn Vjal it-Trasfigurazzjoni</u>
Resident ilmenta li vera saret diffiċli mmens biex toħroġ minn Vjal it-Trasfigurazzjoni għal barra, speċjalment meta l-karozzi li jkunu ġejjien minn B'Kara u Balzan isuqu ħafna u ma jċedulekx, saħansitra anke jiefqu fuq il-

grid box.

2.4.8.2 Is-Sindku spjega kif il-kunsill talab lil TM biex forsi jsiru *traffic lights* pero TM qalet li dan mhux possibbli u *traffic lights* jafu joħolqu konfużjoni aktar. Huwa qal li almenu riċentament biex forsi din il-problema tonqos ġew *refreshed* il-*grid box* u iz-*zebra crossing* li hemm inti u toħrog minn Vjal it-Trasfigurazzjoni.

2.4.9.1 <u>Suġġeriment biex issiru aktar bollards fi Triq Naxxar</u>
Resident qed jissuġġerrixi biex isiru aktar bollards fi Triq Naxxar quddiem il-Ġibjun u tal-water works. Huwa qed jgħid li kif qegħdin bħalissa huma perikolużi għax il-karozzi xorta jiprovaw jaqsmu u tajjeb li kieku dawn il-bollards jiżdiedu.

2.4.9.2 Is-Sindku nfurmah li l-kunsill ser jieħu ħsieb jgħaddi dan is-suġġeriment lil TM.

2.4.10.1 <u>It-Torri Belvedere</u>
Resident staqsa dwar jekk il-kunsill għandux informazzjoni meta ser jiġi rrestawrat it-Torri Belvedere.

2.4.10.2 Is-Sindku wieġeb li huwa qiegħed f'kuntatt mal-MTA u fiż-żmien li ġej daqt għandhom joħorġu t-tender għal dan ix-xogħol. Huwa ser jerġa jagħmel kuntatt mal-MTA biex iħaffu l-proċess.

2.4.11.1 <u>Triq Enejja</u>
Reisdent tkellem fuq triq Enejja fejn qal li hemm bżonn isir xi ħaġa għax din it-triq vera mudlama.

2.4.11.2 Is-Sindku nforma lil dan ir-resident li l-kunsill diġa ħa nota dwar il-problema ta' nuqqas ta' dawl li hemm fi triq Enejja u l-kunsill issa jrid jara x'jaqbel l-aħjar isir jekk mhux sempliċiment jinbidlu l-bozoz jew inkella jsiru fanali ġodda.

2.4.12.1 <u>*Brackets* tad-dawl</u>
Resident qed jitlob lil kunsill biex jieħu azzjoni dwar il-*brackets* u *wires* mitluqin li hawn madwar ir-raħal, kemm tad-dawl u anke tat-telefon. Huwa qal li dawn huma koroh u bihom ir-raħal jidher mitluq.

2.4.12.2 Is-Sindku spjega kif li kieku jeżistu fondi biex isir tranġar ġenerali tal-ambjent, il-kunsill li jagħmel huwa jqabbad *surveyor* biex jara x'hemm u x'ma hemmx *brackets* ħżiena u *wires* imdendlin fir-raħal u dan is-*survey* umbgħad jintbgħat għall-attenzjoni tal-Enemalta u entitajiet oħra bħal GO.

2.4.13.1 <u>Msiemer mal-ħajt fi Triq Robert Mifsud Bonniċi u Triq Ġ.Cali</u>
Resident ġibed l-attenzjoni tal-kunsill li kull darba li jkun hemm permess tal-inġenji fi Triq Robert Mifsud Bonniċi u kif ukoll Triq Ġ.Cali, il-kuntratturi qed iweħlu n-*no parking signs* mal-ħajt bl-imsiemer. Huwa qal li dawn apparti li huma koroh huma perikolużi speċjalment għat-tfal u qed jitlob li jitneħħew.

2.4.13.2 Is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb jara x'jista jsir u barra minn hekk il-kuntratturi ser ikunu nfurmati biex ma jibqawx iweħlu *no parkings signs* bl-imsiemer.

2.4.14.1 <u>Ilment fuq ħmieġ fin-niżla ta' Villa Francia</u>
Resident qed jilmenta li qed jintefa ħafna ħmieġ u mbarazz bħal għamara fin-niżla ta' Villa Francia.

2.4.14.2 Is-Sindku ħa nota ta' dan u ser ikun qed jissorvelja din l-akwata. Il-kunsill anke ser jinforma lil awtoritajiet ikkonċernati b'dan u jara jekk jistgħux jgħinu f'dan ir-rigward.

2.4.15.1 <u>Permessi tal-Awtorita tal-Ippjanar</u>
Resident staqsa jekk il-kunsill irċevix xi risposta dwar l-oġezzjonijiet li saru fuq diversi applikazzjonijiet li riċentament saru mal-Awtorita tal-Ippjanar, bħal l-applikazjoni fi Triq il-Forn kantuniera ma' Triq id-Dejqa.

2.4.15.2 Is-Sindku nforma lil dan ir-resident li l-kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta ġdida alissa fuq dan ir-rigward.

2.4.16.1 <u>Mistoqsija fuq it-*Traffic Pilot Project* li saret mill-Profs Maria Attard</u>
Resident xtaq ikun jaf x'sar mit-*traffic pilot project* li kienet ġentilment ippreżentat lil kunsill Profs. Maria Attard u jekk il-kunsil għadux bil-ħsieb li jimplementa dan il-proġett.

2.4.16.2 Is-Sindku wieġeb li dak il-proġett huwa wieħed sabiħ ħafna pero biex dan jiġi mplementant trid issib soluzjoni ta' fejn ser tpoġġi l-karozzi li kieku ser ikollhom jitneħħew mir-raħal biex b'hekk ir-raħal jiġi kollu pavimentar.

Fl-opinjoni tas-sindku din hija daqsxejn ta' problema għax fi Ħal Lija hawn problema kbira ta' parkeġġ.

## Tmiem

Is-Sindku rringrazzja lil kull minn attenda u l-laqgħa ntemmet fi 6:45PM.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |